REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1211/2011

tat-23 ta' Novembru 2011

dwar it-tnaqqis ta' ċertu sforz tas-sajd għall-2011 minħabba sajd żejjed tal-ħut minn ċerti Stati Membri fis-sena ta' qabel

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 ([1]) li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006, u b'mod partikolari l-Artikoli 106(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1415/2004 tad-19 ta' Lulju 2004 li jiffissa l-isforz annwali massimu tas-sajd għal ċerti żoni tas-sajd u sajd ([2]) jistabbilixxi l-isforz annwali massimu tas-sajd għal ċerti żoni tas-sajd u sajd, b'mod partikolari għall-arzell f'ċerti żoni tal-Irlanda.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perijodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2004 ([3]), jistabbilixxi limitazzjoni fuq l-isforz tas-sajd għal erba' stokkijiet tal-merluzz f'ċerti żoni ġeografiċi.

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 53/2010 tal-14 ta' Jannar 2010 li jistabbilixxi għall-2010 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1359/2008, (KE) Nru 754/2009, (KE) Nru 1226/2009 u (KE) Nru 1287/2009 ([4]) jistabbilixxi l-isforz massimu tas-sajd permess għas-sena 2010.

(4) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 tat-18 ta' Jannar 2011 li jiffissa għall-2011 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE ([5]), jistabbilixxi l-isforz massimu tas-sajd permess għas-sena 2011.

(5) Skont l-Artikolu 106(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru jkun qabeż l-isforz tas-sajd li ġie allokat lilu, il-Kummissjoni għandha topera tnaqqis mill-isforz tas-sajd futur lil dak l-Istat Membru.

(6) L-Artikoli 106(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 jistabbilixxu l-kriterji u l-kundizzjonijiet għall-operazzjoni ta' tali tnaqqis mill-Kummissjoni.

(7) Ċerti Stati Membri qabżu l-isforz tas-sajd allokat lilhom għas-sena 2010. Għalhekk huwa xieraq li jitnaqqsilhom l-isforz tas-sajd li kien allokat lilhom għas-sena 2011.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isforz massimu tas-sajd permess stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 u, għal ċerti żoni tas-sajd u sajd fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1415/2004, jitnaqqas għall-2011 għal ċerti Stati Membri kif stipulat fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2011.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 258, 5.8.2004, p. 1.
([3]) ĠU L 348, 24.12.2008, p. 20.
([4]) ĠU L 21, 26.1.2010, p. 1.
([5]) ĠU L 24, 27.1.2011, p. 1.

ANNESS

Stat Membru	Żona ġeografika / Speċi	Irkapti	Allokazzjoni Inizjali 2010 (jiem-kW)		Bidliet 2010					Użu tal-isforz (jiem-kW)	% Użu	Relatat mal-allokazzjoni permessa	Tnaqqis mill-isforz (jiem-kW)	Fattur multiplikanti l-Artikolu-106(2) tar-Regolament 1224/09	Tnaqqis mill-isforz 2011 (jiem-kW)	Allokazzjoni tal-isforz 2011 (jiem-kW)		Allokazzjoni tal-isforz reveduta 2011 (jiem-kW)
					L-Artikolu-11 esklużjonijiet (jiem-kW) [3]	L-Artikolu 13 evitazzjoni (jiem-kW) [3]	L-Artikolu 16 skambju (jiem-kW) [3]	L-Artikolu 17 trasferimenti (jiem-kW) [3]	Sforz adattat (jiem-kW)									
Il-Ġermanja	(a) Il-Kattegat	TR2	9 316	[1]	0	1 702		14 258	25 276	26 657	105,46 %	5,46 %	– 1 381	1,1	– 1 519	6 987	[2]	5 468
Il-Ġermanja	(b) L-Iskagerrak, dik il-parti taż-żona tal-ICES IIIa li mhix koperta minn Skagerrak u Kattegat; iż-żona tal-ICES IV u l-ilmijiet tal-UE taż-żona tal-ICES IIa; iż-żona tal-ICES VIId	TR2	516 154	[1]	0	0		– 94 507	421 647	421 766	100,03 %	0,03 %	– 119	1	– 119	436 666	[2]	436 547
L-Irlanda	Iż-żona tal-ICES VII, Arzell		525 012	[4]					259 012	270 368	104,38 %	4,38 %	– 11 356	1	– 11 356	525 012	[4]	513 656
Franza	(b) L-Iskagerrak, dik il-parti taż-żona tal-ICES IIIa li mhix koperta minn Skagerrak u Kattegat; iż-żona tal-ICES IV u l-ilmijiet tal-UE taż-żona tal-ICES IIa; iż-żona tal-ICES VIId	TR1	2 214 240	[1]	0	339 670		0	2 553 910	2 680 473	104,96 %	4,96 %	– 126 563	1	– 126 563	1 840 286	[2]	1 713 723
Franza	(d) Iż-żona tal-ICES VIa u l-ilmijiet tal-UE taż-żona tal-ICES Vb	TR1	3 387 803	[1]	702 070	10 299		– 178 123	2 517 909	2 611 435	103,71 %	3,71 %	– 93 526	1	– 93 526	1 980 786	[2]	1 887 260

Stat Membru	Żona ġeografika / Speċi	Irkapti	Allokazzjoni Inizjali 2010 (jiem-kW)		Bidliet 2010					Użu tal-isforz (jiem-kW)	% Użu	Relatat mal-allokazzjoni permessa	Tnaqqis mill-isforz (jiem-kW)	Fattur multiplikanti l-Artikolu 106(2) tar-Regolament 1224/09	Tnaqqis mill-isforz 2011 (jiem-kW)	Allokazzjoni tal-isforz 2011 (jiem-kW)		Allokazzjoni tal-isforz reveduta 2011 (jiem-kW)
					L-Artikolu 11 esklużjonijiet (jiem-kW) [3]	L-Artikolu 13 evitazzjoni (jiem-kW) [3]	L-Artikolu 16 skambju (jiem-kW) [3]	L-Artikolu 17 trasferimenti (jiem-kW) [3]	Sforz adattat (jiem-kW)									
Ir-Renju Unit	(b) L-Iskagerrak, dik il-parti taż-żona ICES IIIa li mhix koperta minn Skagerrak u Kattegat; iż-żona tal-ICES IV u l-ilmijiet tal-UE taż-żona tal-ICES IIa; iż-żona tal-ICES VIId	TR1	8 938 164	[1]	0	2 819 635		660 115	12 417 914	12 450 755	100,26 %	0,26 %	– 32 841	1	– 32 841	7 561 687	[2]	7 528 846
		TR2	7 409 969	[1]	0	2 010 770		0	9 420 739	10 274 753	109,07 %	9,07 %	– 854 014	1,1	– 939 415	6 268 834	[2]	5 329 419
Ir-Renju Unit	(c) Iż-żona tal-ICES VIIa	TR2	1 934 646	[1]	0	366 622		300 000	2 601 268	2 931 719	112,70 %	12,70 %	– 330 451	1,2	– 396 541	1 450 985	[2]	1 054 444

[1] Kwantità kif ġiet iffissata mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 53/2010 - l-Appendiċi 1 tal-Anness IIA
[2] Kwantità kif ġiet iffissata mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 - l-Appendiċi 1 tal-Anness IIA
[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008
[4] Kwantità kif ġiet iffissata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1415/2004 - l-Anness I